MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Numru. 521/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**

**Vs**

**MAURIZIO ZAHRA u**
**JOHAN PACE**

## Il-Qorti:-

Rat li l-imputati **Maurizio Zahra** ta’ wiehed u tletin sena, bin Vincent u Veronica nee’ Ayling, imwieled Attard nhar it-30 ta’ Mejju, 1979 u residenti 40, Jezya, Triq Marsamxett, Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ numru 286179(M) u **Johan Pace ta’** erbgha w tletin sena, bin Geranzio u Dolores nee’ Micallef, imwieled Pieta’ nhar it-3 ta’ Novembru, 1976, u residenti Kamrata, ir-raba’ sular, Flat 1, Triq il-Merkanti, Valletta, detentur tal-karta tal-

identita' numru 11077(M), gew imressqa quddiemha w akkuzati talli :-

1. Nhar is-17 ta' April 2011 ghall-habta tat-8.00a.m. f'Rahal Gdid ikkommettew serq ta' gojjelli tad-deheb minn residenza numru 33 fi Triq il-Palma Rahal Gdid, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, lok u valur il jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Lorenza Cilia u Tereza Cilia.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellhom fil-pusess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

4. U aktar talli fl-istes data, hin, lok u cirkostanzi f'Rahal Gdid u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer zammew f'xi fond jew kellhom fil-pusess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, arma tan-nar, u cioe' pistola tat-tip Phoenix Raven b'numru serjali 3087389 elenkata fl-iskeda II ta' l-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellhom licenzja taht l-imsemmi Att Dwar l-Armi.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fir-residenza hawn fuq imsemmija, liema hsara tiskorri l-mija w sittax-il Ewro w sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda anqas minn elf mija u erbgha w sittin Ewro (€1164).

U **Johan Pace** wahdu -

6. U aktar talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija

lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Settembru 2009, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

7. U aktar talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta' Lulju 2008, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett snin.

8. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-18 ta' April 2011, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati w meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9, u cioe' li wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha w kien wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti rat dak li ddikjarat il-Prosekuzzjoni f'dan l-istess verbal tat-18 ta' Arpil 2011, u cioe' li t-tieni akkuza moghtija minnha kient alternattiva ghall-ewwel akkuza ta' serq aggravat u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli

tiehu konjizzjoni ta’ din l-istess akkuza stante l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuza ta’ serq aggravat.

Rat dak li ddikjara Dr. Arthur Azzopardi fl-interess tal-imputat **Maurizio Zahra,** u cioe’ li huwa ddikjara li kien lest li jassisti lill-Ufficcjal Prosekutur fl-investigazzjoni prezenzjalment pendenti fil-konfront ta’ terzi.

Rat li l-imputati talbu n-nomina ta’ Probation Officer sabiex thejji *pre-sentencing report* fil-konfront tal-imputati.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2011 xehdet il-Probation Officer **Mary Rose Farrugia** w esebiet ir-relazzjoni taghha fil-konfront ta’ l-imputat Johan Pace liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok MRP. Spjegat verbalment li l-imputat Pace kien involut f’serq minn gewwa dar fejn jghixu zewg anzjani waqt li kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, u dan meta kiser il-provediment tal-Probation fir-rigward ta’ zewg sentenzi w meta kien recidiv. Spjegat li Pace trabba f’familja fejn l-omm ma kinitx tiehu hsieb lill-uliedha w ghalhekk Pace m’ghandux hiliet akkademici, trabba jaghmilha ma’ nies akbar minnu w beda jabbuza minn sustanzi lleciti bhal alcohol u droga. Tikkonferma li ta’ sbatax-il sena huwa zzewweg lil Marie Therese, li fil-fatt hija seba’ snin ikbar minnu w ghndhom erbat itfal bejniethom. Dawn jinsabu separati, izda minkejja dan il-mara xorta baqghet ittih is-*support* kollu li ghandu bzonn. Tghid li waqt li Pace qieghed il-habs taht arrest preventive, sarulu kuntatti mas-Sedqa li qed jaghmlulu viziti fil-habs bil-ghan li jsegwi programm kontra l-vizzju t’abbuz ta’ droga w alcohol. Tikkonkludi li fil-fehma taghha Pace ghandu jinghata piena karcerarja.

Fl-istess jum tat-12 ta’ Mejju 2011 xehdet il-Probation Officer **Odelsie Bayliss.** Din ipprezentat il-*pre-sentencing report* taghha li gie mmarkat bhala Dok MZ, liema rapport sar fil-konfront ta’ l-imputat Maurizio Zahra. Tghid, kuntrarjament ghal dak li ntqal fil-konfront ta’ l-ko-akkuzat Pace, li Zahra kellu l-attenzjoni kollha mehtiega fit-trobbija tieghu u sahansitra anke kellu kull ghajnuna finanzjarja li kellu bzonn. Tghid li mill-informazzjoni migbura minnha tul dan il-kaz tidher certu diskrepanza

bejn l-andament posittiv kif rapportat minnu w mill-familja tieghu, u r-reat innifsu, li huwa reat serju hafna. Tikkonkludi pero' li fil-fehma taghha l-imputat Zahra ghandu jinghata sentenza sospiza fit-terminu massimu taghha, beix isservi ta' deterrent qawwi fil-konfront tieghu. In oltre rrakkomandat li ghandu jaghti kumpens lill-vitmi ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-fedini penali tal-imputati, l-okkorenzi w l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati a tempo vergine tal-investigazzjoni.

Semghet ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Jeffrey Cilia w fost l-affarijiet li spejga w esebixxa hemm vettura tal-ghamla Fiat Ducato numru ta' registrazzjoni DBF 168 registrata f'isem Michelle Spiteri, w spejga li tali vettura ntuzat biex sehhet is-serqa w li fiha twaqqfu iz-zewg imputati fil-mument li gew arrestati. Stqarr ukoll li r-res furtiva nstabet f'idejn ko-awtur, u li din qatt ma kienet fil-pussess ta' Johan Pace jew Maurizio Zahra. Jghid ukoll li mill-investigazzjoni rrizulta li l-imputat Zahra ma dahalx fil-fond in d'esamina fejn saret is-serqa, izda qaghad jistenna barra bhala korreju fil-van fuq l-i*steering wheel*.

Illi minn esami tal-istqarrija rilaxxjata minn Johan Pace nhar it-18 ta' April 2011, Dok. JF a fol. 73 tal-atti, jirrizulta li dan Pace wiegeb ghall-ftit domandi li sarulu, kif del resto kellu kull dritt li jaghmel, waqt li l-imputat Zahra ma wiegeb ghal xejn fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti a fol. 76 u mmarkat bhala Dok. JF1, kif kellu kull dritt li jaghmel.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kwistjoni tal-piena fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2011.

Ikkunsidrat:

Illi principalment fir-rigward tal-imputat **Johan Pace** kemm id-difiza w il-prosekuzzjoni qablu li ghandha tinghata piena ta' prigunerija w fil-fatt id-difiza rrakkomandat li ghandha tkun fil-minimu taghha, ftit inqas minn tliet snin, u l-prosekuzzjoni ma rregistrat l-ebda opposizzjoni ghal dan. Id-difiza sostniet ukoll li din il-Qorti ghandha tuza d-

diskrezzjoni taghha w ma tawmentax il-piena applikabbli ghaliex l-imputat Pace huwa recidiv, u dan ghal diversi ragunijiet, fosthom l-ammissjoni bikrija tieghu u l-ko-operazzjoni tieghu. Dwar dan il-prosekuzzjoni ma qalet xejn.

Fir-rigward tal-imputat **Maurizio Zahra**, d-difiza *in poche parole* ssuggeriet li din il-Qorti ghandha titratta mieghu bhala a *first time offender,* u dan ghaliex il-fedina penali tieghu hija wahda relattivament nadifa salv ghal xi reati ta' natura zghira li jirrizulta minn ksur tal-Ordinanza tat-traffiku, w in oltre sabiex din il-Qorti tkun in linea ma' dak li ssuggeriet il-Probation Officer. Irrimarkat ukoll ghall-fatt li l-imputat Zahra kien lest li jghin lill-prosekuzzjoni fl-investigazzjoni taghha. Dwar dan il-prosekuzzjoni opponiet bil-qawwa, w anzi kienet tal-fehma li l-piena li ghandha tinghata fil-konfront ta' Zahra ghandha tkun bhal dik ta' Pace ghalkemm il-fedina penali taghhom hija wahda totalment differenti. Qalet li Zahra kien gie nvestigat minnha diversi drabi w ghalkemm qatt ma rrizultalha xejn temmen li l-imputat Zahra huwa *'a seasoned criminal'*. Tghid ukoll li ghalkemm l-imputat Zahra stqarr li kien lest li jghinha fl-investigazzjoni taghha, fil-fatt ma kko-opera xejn, kuntrarjament ghal dak li ghamel Pace, u li Zahra rregistra ammissjoni ghaliex ma kellux triq ohra stante li nqabad *in flagrante*.

Ghalhekk rinfaccjata bi trattazzjoni bhal din, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tghid kelmtejn dwar l-effett ta' piena f'kaz ta' htija f'reati kriminali, *molto piu'* meta d-difiza rrimarkat li l-piena li ghandha terroga din il-Qorti m'ghandhiex tkun wahda ta' deterrent izda semmai wahda ta' riabilitazzjoni, sabiex tkun in linea ma' dak li l-Gvern tal-gurnata qed jipproponi bil-*white paper* li hemm pendenti dwar il-*parole*.

Id-difiza donnha mplikat li l-piena li ghandha tinghata m'ghandhiex isservi ta' deterrent sabiex reati simili ma jigux kommessi, w dan ghaliex sostniet li l-kuncett ta' deterrent ilu li ghamel zmienu w li l-ghan ewlieni tal-piena ghandu jkun mhux dak ta' retributtiva, bhal fl-imghoddi, izda dik restorattiva, fejn jekk hu possibbli w sa fejn hu

possibbli, w tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghandu jsir tentattiv sabiex l-imputat isegwi t-triq t-tajba.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Ivan Gatt *deciza nhar l-ewwel ta' Dicembru, 1994*** fejn gie osservat:

"*li storikament l-element tad-deterrent flimkien ma' dak tar-retribuzzjoni huma konsiderati fost l-iskopijiet principali tal-piena. Fil-fatt, fis-seklu tmintax, studjuzi famuzi bhal Cesare Beccaria fl-Italja, Jeremy Bentham fl-Ingilterra u PJA Van Feverbath fil-Germanja, tlett esponenti ewlenin tal-iskola klassika fix-xjenza tal-kriminologija, bbazaw t-teorija taghhom ta' delitti u pieni fuq l-kuncett ta' deterrent generali."*

Kif jillustrhom **Johannes Ardenus** f'**Encyclopedia***:*
*"The central idea was that the threat of punishment should be specified so that in the mind of the potential law breaker the fear of punishment would outright the temptation to commit the crime. The penalty should be fixed by law in proportion to the gravity of the offence ".*

Dawn l-istudjuzi pero' rarament ikkonsidraw l-aspett tal-effetti morali tal-ligi kriminali, mentri effettivament dan l-aspett huwa wiehed minn dawk l-importanti, billi l-ligi kriminali mhix biss skala ta' delitti w pieni, izda f'sens astratt hija essenzjalment espressjoni tad-disapprovazzjoni tas-socjeta' ghal certa mgieba.

Fis-seklu li ghadda pero', w fl-ewwel parti ta' dan, spikkat l-importanza ta' dak li hu maghruf bhala *treatment and rehabilitation* ta' min ikun kiser l-ligi. F'dan il-process, sfortunatament kien hemm ukoll min beda jemmen li l-element tad-deterrent huwa ineffikaci anke jekk effettivament ebda sistema legali m'abbandunat il-kuncett tad-deterrent bhala wiehed mill-aspetti inerenti ghal piena fis-sistema penali. Illum, specjalment wara s-snin sittin, l-interess fl-aspett tal-piena bhala deterrent rega' beda jigi studjat u ricerkat u fil-fatt illum hemm l-iskola noe-klassika fix-xjenza tal-kriminologija li taghti mportanza ghall-aspett

tad-deterrent, ghalkemm fl-ebda hin ma gie accettat li huwa sewwa li jinghataw sentenzi ezemplari li aktar milli jistghu iservu bhala deterrent ghal haddiehor, ghandhom effett li jippunixxu lil hati b'certa severita’ li taht kull cirkostanza ma tistax hlief tigi konsidrata eccessiva precizament ghax trid isservi ta' ezempju ghal haddiehor.

In realta’, din il-Qorti tirrileva li s-severita’ tal-piena ghal dak li huwa deterrent, hija espressa fil-misura tal-piena li tistabilixxi l-ligi stess, u fejn hemm minimu w massimu dan qieghed hemm biex il-Qorti tuza w timmizura l-gudizzju taghha tenut kont tal-fatti specie w gravita’ partikolari tal-kaz, tac-cirkostanzi relattivi ghall-hati w ta' fatturi w cirkostanzi ohra li fix-xjenza kriminologika w dik ta' penologija huma accettati bhala li ghandhom jindirizzaw lill-Qorti tiddeciedi kif ghandha tittratta mal-individwu li jkun instab hati. Il-piena pero’ m'ghandhiex tkun mizurata b'mod li l-hati jhallas b'piena akbar biex isservi ta' ezempju ghal haddiehor.

M’hemmx dubbju, bhala regola generali kif din il-Qorti diga’ kellha okkazzjoni ssemmi fis-sentenza taghha fl-ismijiet il-**Pulizija v Stephen Zammit** deciza nhar t-tnax (12) ta' Dicembru, 1997, li meta akkuzat jammetti l-akkuzi hu, ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Ammissjoni bikrija pero’ "mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena", u jiddependi hafna mic-cirkostanzi tal-kaz u minn kemm kienet bikrija l-ammissjoni. Qed jinghad li bhala regola, ghaliex dan ma japplikax ghal kull kaz b'mod generali, ghaliex jista’ jkun hemm kazijiet li ma jikkontemplawx riduzzjoni fil-piena. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha w jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.

Kull piena, anke meta jkun hemm ammissjoni, ghandha idejalment tinghata fid-dawl ta' l-antecedenti penali tal-hati; meta, imbghad, wahda mill-akkuzi li jkunu qed jigu ammessi tkun proprju dik tar-recidiva, ikun hemm kwazi

obbligu fuq il-Qorti li tifli sew il-fedina penali tal-hati qabel ma tiddisponi mill-kawza.

Huwa difficli li l-Qorti telenka l-kazijiet u c-cirkostanzi kollha fejn riduzzjoni fil-piena tkun jew ma tkunx indikata, w dan ghaliex kull kaz huwa differenti minn iehor u ghandu l-fatti specie partikolari tieghu.

Ghalkemm meta persuna tammetti l-htija taghha fi stadju bikri tal-proceduri - w ma jistax ikun hemm stadju aktar bikri mill-gurnata tal-prezentata ta' dak li jkun quddiem il-Qorti - Qorti ghandha normalment tikkonsidra l-possibilita` ta' xi tnaqqis fil-piena konformement mar-regoli li, minn zmien ghal zmien, gew formulati minn din il-Qorti w mill-Qorti Kriminali.  Qorti ta' Gustizzja Kriminali ma ghandha qatt tikkarga d-doza tal-piena minhabba s-semplici fatt li l-hati ma jkunx ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom jew ma jkunx ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, jew addirittura jkun ikkontesta l-kaz u jkun instab eventwalment hati.

Il-gudikant m'ghandux izid il-piena minhabba kwistjonijiet ghal kollox estraneji.

Is-semplici fatt li persuna li tkun qed tigi nvestigata tibqa' siekta w ma tikkoperax mal-Pulizija, jew, meta tkun qed tigi nterrogata, tichad li tkun wettqet ir-reat, fih innifsu m'ghandhiex tkun cirkostanza li tiggustifika zieda fil-piena kif donnha riedet tfiehem il-prosekuzzjoni. Kuntrarjament jinghad, per ezempju, ghall-kaz fejn ir-refurtiva ma tkunx giet ritornata, meta l-Qorti tkun sodisfatta li din ghadha fil-pussess jew taht il-kontroll tal-hati - f'kaz simili, zieda fil-piena tkun gustifikata.  Il-process mentali li gudikant ghandu jsegwi, ghalhekk, hu li l-ewwel jiddetermina x'ghandha tkun ("oggettivament") il-piena li kieku ma kienx hemm l-ammissjoni tal-hati u/jew il-koperazzjoni tieghu fil-kors ta' l-investigazzjoni u wara, f'kaz li jkun hemm tali ammissjoni u/jew koperazzjoni, jara jekk il-kaz partikolari jkunx jimmerita "discount" minhabba dik l-ammissjoni u/jew koperazzjoni.

Fil-fatt **Archbold** a fol. 528 tal-ktieb tieghu ***Criminal Pleadings Evidence & Practice*** 1997 edition 1997 jghid is-segwenti:

"*it will seldom be appropriate to impose the maximum sentence in a case where there are substantial mitigating factors. An offender who pleads guilty to a charge may normally expect same recognition in the form of a reduction in the sentence which would have been appropriate or a conviction by the jury; it will seldom be appropriate to impose the maximum sentence on an offender who has pleaded guilty.*"

Il-Qorti taqbel ma' din il-linja t'osservazzjoni in generali. Pero' l-kwistjoni li trid tigi trattata hija, kemm ghandha tkun ir-riduzzjoni. **Archbold** fl-opera fuq citata a fol. 548 jghid, "*the extent of the discount to be allowed has never been fixed, but cases in which reduction of sentences have been made by the Court of Appeal on this ground suggest that it is normally between 1/5 and 1/3 of the sentence which would be imposed as a conviction by a Jury.*"

**Lord Taylor C J** qal: "*there was no absolute rule as to what the discount should be but as a general guidance the Court believed that something of the order of 1/3 would be an appropriate discount.*"

Fl-ikkalibrar tal-piena l-Qorti trid tara l-fattispecie tal-kaz li jkun u ftit li xejn tista' tigi gwidata minn dak li jkun gie deciz minn Qrati ohra f'kazijiet fejn il-fattispecie jkunu differenti. Certament per ezempju fil-kaz ta' **Johan Pace** ma jistax jigi applikat xi provvediment ta' sentenza sospiza ladarba l-imputat instab hati tar-recidiva. L-alternattiva tal-*probation,* ghalkemm mhix prekluza bil-ligi kif inhi, mhix indikata meta tara li gie akkuzat li ghamel ir-reati in kwstjoni waqt l-operat ta' zewg Probations, u fil-fehma ta' din il-Qorti, meta provvedimenti simili ma kienu servew ghal xejn fi proceduri precedenti.

Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taghti l-impressjoni li qisu xejn m'hu xejn, u ghalhekk thoss li ghandha tindirzza dan il-kaz bl-aktar mod serju sabiex l-imputat jaghraf li zbalja

bil-ghan li l-piena li ser tinghata tiswa lilu kemm bhala deterrent ghall-futur kif ukoll bhala riabilitazzjoni sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega biex ibiddel il-hajja ta' kriminalita' li qabad u jaghraf jusufruwixxi ruhu minn dan iz-zmien ta' gheluq, ghall-beneficcju tieghu.

Il-Prosekuzzjoni stqarret fit-trattazzjoni taghha li l-imputat **Maurizio Zahra** ma kkoopera xejn maghha tul din l-investigazzjoni, w li kien biss fil-prezentata li l-imputat irregistra ammissjoni w ghalhekk tali ammissjoni m'ghandhiex tigi kunsidrata ai fini tal-piena. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Pulizija Vs Salah Aldin M.m.bin Abdo Alslam** deciza fil-5 ta' Mejju 2003 fejn inghad li:- *'Ghalkemm meta persuna tammetti l-htija taghha fi stadju bikri tal-proceduri - il-Qorti ghandha normalment tikkonsidra il-possibilita` ta' xi tnaqqis fil-piena konformement mar-regoli li, minn zmien ghal zmien, gew formulati minn din il-Qorti."*

Jerga' jinghad li l-process mentali li gudikant ghandu jsegwi, ghalhekk, hu li l-ewwel jiddetermina x'ghandha tkun ("oggettivament") il-piena li kieku ma kienx hemm l-ammissjoni tal-hati u/jew il-koperazzjoni tieghu fil-kors ta' l-investigazzjoni u wara, f'kaz li jkun hemm tali ammissjoni u/jew koperazzjoni, jara jekk il-kaz partikolari jkunx jimmerita "discount" minhabba dik l-ammissjoni u/jew koperazzjoni. Jinghad f'dan il-kaz bla tlaqliq, li l-ammissjoni registrata fl-atti ser tigi kunsidrata ai fini tal-piena li din il-Qorti sejra terroga u dan fir-rigward taz-zewg imputati.

Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi l-piena idoneja w hu ghalhekk li jkun hemm il-process kollu sabiex il-gustizzja ssir kemm mal-individiwu kif ukoll mas-socjeta'. Din il-Qorti hija f'sitwazzjoni aktar felici minn Qrati ohra meta tigi biex tapplika l-piena, ghaliex ghexet il-process, semghet dak li kellhom xi ighidu l-partijiet, rat dak li qalu l-Probation Officers waqt li kienu fil-pedana w x'interess kellhom f'dak li qalu. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, w kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief

tal-mizien qabel ma l-Qorti tiddeciedi fuq il-piena, w cioe': il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni (li f'dan il-kaz ma kienx hemm l-ebda ghajnuna min-naha ta' Zahra), l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez – li f'dan il-kaz kien hemm), jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), w hafna w hafna cirkostanzi ohra.

Jinghad ukoll b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v.Maurice Agius</u> deciza fit-** 13 ta' Novembru, 2009 li, '*filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`, tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi."*

Kif qal Lord Justice' Lawton fil-kawza **<u>R v. Sargeant</u>,** **"***Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

B' dana kollu, matul dawn is-snin kollha jidher li l-imput **Johan Pace** ma wera ebda sinjal ta' riforma, anzi kompla jirranka fil-hajja kriminuza tieghu, b' mod li llum huwa recidiv plurimu w jidher li jirraprezenta minaccja ghas-socjeta'. Dan kollu ma jistax ma jigix rifless fil-piena li trid tigi errogata minn din il-Qorti. Illi dan ir-reat seta' kellu konsegwenzi koroh hafna li kieku l-imputati ma nqabdux *in flagrante delicto*. Huwa ikrah ukoll li dan ir-reat gie kommess bl-aggravju tal-vjolenza kemm minhabba l-aggravju numeriku kif ukoll ghaliex l-imputati kienu armati

. Din il-Qorti trid taghti messagg lis-socjeta' li akkuzi bhal dawn huma ta' min jistmerrhom u ghalhekk tali stmerrija ghandha tigi riflessa fis-sentenza.

Illi kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** [30.7.2004] : -

*"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika."*

Illi dan il-principju rega' gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici**" [11.11.2004] u aktar ricenti fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali nhar is-7 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Louis Mallia.**

Jehtieg ukoll li jinghad kelmtejn zghar fuq l-akkuza ta' recidiva li nghatat fil-konfront ta' **Johan Pace**. Kif tajjeb osservat id-difiza ta' Pace, ir-recidiva fil-fatt hija cirkostanza merament personali w m'ghandha l-ebda referenza ghall-kontenut objettiv la tar-reat precedenti [kif donnha sostniet id-Difiza] u lanqas tar-reat attwali. L-andament fil-piena ghandu rapport biss mal-personalita' tal-hati w igib ir-raguni tieghu fil-persistenza tal-hati fid-delinkwenza.

Fil-fatt ir-recidiva hija akkuza u reat per se, separata w distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra, taht l-**artikoli 49 u 50** tal-Kodici Kriminali jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva. Kif gia ntqal, iz-zieda fil-piena ghall-fatt il-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal persuna, w ir-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, w taghmel reat iehor.

Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-**artikoli 49 u 50 tal-Kap 9**, li f'dan il-kaz iz-zmien huwa applikabbli.

Izda mbaghad hemm l-**artikolu 289 tal-Kap 9** ukoll moghti fil-konfront ta' **Johan Pace**, li jistabilixxi konsegwenzi w effetti legali ta' meta wiehed li jkun gia gie kkundannat ghal reat, jerga' jigi kkundannat ghal reat iehor, u dan minghajr ebda limitazzjonijiet ta' zmien.

L-artikolu 289 tal-Kap 9 jitkellem mill-banda l-ohra, f'parti specjali jew espressa tal-Kodici Kriminali, li permezz tieghu m'hemm ebda limitazzjoni ta' zmien.  Din hi disposizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura stabbilita f'dan l-artikolu. Il-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz u cioe' li l-imputat **Johan Pace** ghandu kondotta reflattarja hafna, tant li huwa akkuzat li kiser zewg Probations u li rregistra ammissjoni dwarhom, f'liema sentenzi l-imputat kien gie akkuzat ukoll bir-reati ta' serq.  Jidher li l-imputat huwa halliel ta' veru, ghaliex minkejja l-opportunitajiet li qed jinghata minn din il-Qorti, xorta qieghed jsifida l-gustizzja w jerga' jidher quddiemha.  L-imputat Pace instab hati ta' reati koroh apparti dawk ta' serq, ta' mohqirja tal-annimali, ta' offizi fuq ufficcjali pubblici w pusses t'armi.  L-akkuzi odjerni ukoll huma orribli w huma tali kommessi fuq anzjani li kienu ghal kwiet gewwa darhom, u ghalhekk zgur li din il-Qorti m'ghandhiex titratta l-kaz leggerment.

Id-difiza ta' **Johan Pace** sostniet li l-imputat ghandu diversi problemi fosthom dik ta' xorb eccessiv u ta' uzu ta' sustanzi lleciti. Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu dawn il-problemi serji hafna w f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema w min wera rieda tajba w affidabilita' w ghalhekk

kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga’ jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss, wara li rat il-fedina penali ta’ Pace, u cioe’ li ghandu hdax-il *conviction* f’perijodu ta’ sbatax-il sena, li l-imputat ma jridx jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’ li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha, w dan ghaliex temmen li m’ghamel l-ebda sforz sabiex jindirizza din ir-realta’, anzi jirrizulta li ghazel li jibqa’ jsegwi l-hajja ta’ kriminalita’.

Id-difiza qalet ukoll dwar l-akkuzi li nghataw komunement liz-zewg imputati, li hemm konkors formali tar-reati ghaliex hafna minnhom huma il-mezz ai fini.

Dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija (Spt) B. Mula, E. Cassar Vs Calleja Vincent__** deciza fis-7 ta Marzu 2002 fejn inghad dwar l-aggravju tal-mezz li “*Jekk il-hsara riskontrata kienet limitata biss ghall-fatt tal-isgass fuq l-aperturi tad-djar koncernati, l-isgass ikun serva biss bhala mezz ghall-fini u ghalhekk biss ghall-fini ta' piena jigi kompriz u involut fl-akkuzi l-ohra bhal dak ta' serq. Jekk invece jirrizulta li min dahal biex jisraq, ghamel hsara ohra bla bzonn u mhux necessarjament biex jikseb access ghall-fond, allura ir-reat jista' jikkonfigura ruhu xorta wahda "on its own merits" u ma jkunx jista' jigi invokat l-beneficcju tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali. Dan is-sub-inciz jiddisponi :-"meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata il-piena ghar-reat l-aktar gravi."*

Mid-dicitura tal-ligi johrog car, li fejn jinholqu dawn ic-cirkostanzi, mhux ma jkunx hemm htija, izda ghall-fini tal-piena biss, din tigi assorbita f'dik tar-reat aktar gravi, ir-reat per se jissussisti imma l-piena tieghu tigi assorbita f'piena ohra akbar. Issa fil-kaz in esami jirrizulta li l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-akkuza ta’ serq aggravat bil-mezz, lok valur u bil-vjolenza. Illi ghalhekk it-tielet akkuza li z-zewg imputati kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar tammonta ghall-aggravju tal-

vjolenza. Waqt li l-fatt li ottenew dhul mhux legittimu fil-fond residenzjali tal-anzjani Cilia jammonta ghall-aggravju tal-mezz u lok.

Jinghad li stante n-natura serja tal-akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputati, w dak kollu li nghad aktar 'il fuq, din il-Qorti mhix sejra tabbraccja ir-rakkomandazzjoni tal-Probation Officer fir-rigward tal-imptuat **Maurizio Zahra**.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi, w cioe' l-Artikoli 49, 50, 65, 67, 279, 278(3), 280(2), 289, 325 (c) u 334 tal-Kap. 9, l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 480 u l-Artikoli 7, 15, 21 u 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta Malta, tiddikjara li issib liz-zewg imputati cioe' lil MAURIZIO ZAHRA u JOHAN PACE hatja tal-akkuzi kollha li gew addebitati fil-konfront taghhom salv u bl-eccezzjoni ghat-tieni akkuza ta' ricettazzjoni li nghatat alternattivament mill-prosekuzzjoni, w ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Fil-konfront tal-imputat JOHAN PACE qieghda tikkundannah piena karcerarja komplessiva ta' tlett snin u tmien xhur u tikkundannah ihallas multa ta' tlett mitt Ewro (€300) filwaqt li fil-konfront ta' MAURIZIO PACE, li ghandu fedina penali mhux daqstant reflettarja w gie akkuzat b'inqas reati, tikkundannah ghall-perijodu ta' sentejn u tmien xhur u tikkundannah ihallas multa ta' tlett mitt Ewro wkoll (€300).**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna konfiska tal-vettura esebita fl-atti formalment, peress li jirrizulta minn dak li qal l-Ufficcjal tal-Pulizija stess u cioe' li din il-vettura mhix registrata fuq isem wiehed mill-imputati, hija sejra tichad tali talba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------